

# TLETT SNIN HIDMA

2006 09

## THREE YEARS OF COMMITMENT

Impenn
Determinazzjoni
Kontinwazzjani

Commitment
Determination
Continuity



Hbieb

Is-snin li ghaddew kienu karatterizzati minn avvenimenti ta' importanza socjali, edukattiva, infrastrutturali, ambjentali u kulturali. Dan kollu ghamel effett reali b'impatt fuqna u fuq dawk li jzuru l-lokalità taghna.

Dan il-ktejjeb jghin sabiex wiehed jevalwa l-izvilupp u l-grajjiet li sehhew matul l-ahhar snin. Dan kollu seta jkun possibbli l-ewwel ghall-ghaqal li tmexxa bih il-kunsill u l-ghaqda u qbil tal-kunsill fuq l-*issues* li jolqtu lill-lokalità. Kultant habbatna wiccna ma sitwazzjonijiet mhux daqs tant pjacevoli, però dejjem konna determinati li nharsu l-ewwel u qabel kollox l-interess tal-lokalità, tieghek u tar-residenti kollha. Fuq nota pozzitiva matul is-snin li ghaddew irnexxielna nkunu proattivi u rnexxilna naghmlu kisbiet kbar paragun ma' Kunsilli Lokali ohra kbar u anke tad-daqs taghna. Fl-istess ktejjeb ghandkom issibu wkoll il-progetti ewlenin li l-Kunsill ser iwettaq tul l-erba' snin li gejjin. Progetti ambizzjuzi li jridu nies b'esperjenza qalbiena u kuraggjuzi sabiex jidhlu u jsostnu dan l-izvilupp.

Nistqar maghkom li ghamilt il-hiliet kollha tieghi possibli b'ghan li nirraprezentakom fil-massimu u nkun dejjem ta' servizz ghalikom, kien x'hin kien, kull x'hin tlabtu s-servizz tieghi. Dan ghamiltu bla ebda differenzi jew harist lejn kulur politiku. Il-motto tieghi, li ghamiltu wkoll il-motto tal-Kunsill tul is-snin kien li int u l-lokalità gejtu l-ewwel.

Dan kullu jixraqlu kontinwità, inkomplu ntejjbu l-kundizzjonijiet tieghek, tal-familja tieghek u ta' dawk zvantaggjati.

Kull ma jghaddi z-zmien il-bzonnijiet dejjem jikbru u l-kunsill irid ihares lejn is-snin li gejjin b'impenn u determinazzjoni sabiex nizguraw l-ahjar interess tieghek u tal-familji tal-Gharb kollha.

Inweghedkom l-impenn shih.

**David Apap**, Sindku Gharb

## X'WETTAQ IL-KUNSILL

- ✓ Toroq u infrastruttura
- ✓ Pavimentar ta' Sqaqien
- ✓ Ground tal-futbol
- ✓ Tisbieh tal-lokalità
- ✓ Edukazzjoni, zaghzagh u sports
- ✓ Sahha, familja, anzjani
- ✓ Arti, kultura u attivitajiet
- ✓ Zjarat minn persuni distinti
- ✓ Ftehim ta' koperazzjoni
- ✓ Progetti








## PROGRAMM TA' HIDMA GHAL-4 SNIN LI GEJJIN

- Toroq
- Patrimonju kulturali u wirt storiku
- Familja
- Progetti EU
- Progett Centru Civiku
- Sport u postijiet ta' rikreazzjoni ghall-familja kollha
- Edukazzjoni / Zaghzagh / Anzjani u persuni b'dizabilità
- L-ambjent u l-indafa
- Skema ta' immanigjar tat-traffiku

# TOROQ U INFRASTRUTTURA

Il-Kunsill baqa' jahdem bis-shih biex itejjeb il-kundizzjoni tat-toroq fil-lokalità. Fl-ahhar 10 snin il-Kunsill kesa area superficjali ta' 23667 metru kwadru bit-tarmak ghall-ammont ta' €259,150. Fl-ahhar tliet snin ix-xogholijiet ta' resurfacing issoktaw fit-toroq Vizitazzjoni, Karmni Grima, Kan. F. Mangion u l-Arc. Gamri Camilleri. Fil-prezent qed isiru xogholijiet fi Triq San Pietru.



## ROADS & INFRASTRUCTURE

During the last 10 years the Council resurfaced an area of 23667 sq metres with tarmac for the amount of €259,150. During the last three years works continued on the roads upgrading programme in the following streets: Visitation, Carmela Grima, Can. F. Mangion and Gamri Camilleri. At present works are being carried out at St Peter Street.







# GROUND TAL-FUTBOL

Bil-ghajnuna tal-Ministeru ghal Ghawdex sar xoghol ta' titjib fil-ground tal-futbol. Ix-xoghol kien jikkonsisti f'tindif, bini ta' hitan godda u installazzjoni ta' fencing u arbli tad-dawl godda. Ix-xogholijiet waslu fit-tmien taghhom biex il-ground ikun jista' jibda jintuza mill-gdid fl-istagun li jmiss.







Refurbishment works at Gharb football ground are now in the last phases. Work included cleaning, construction of new walls, installation of new wire fencing and light poles.





# PAVIMENTAR TA' SQAQIEN

Peress li fil-lokalità ghandna ghadd ta' sqaqien il-Kunsill haseb ukoll biex iwettaq xogholijiet f'uhud minn dawn is-sqaqien. Fl-ahhar snin dawn is-sqaqien inghataw wicc gdid:- Sqaq fi Triq Trux, Sqaq fi Triq l-Isqof Mikiel Molina, zewg sqaqien fi Sqaq Gahan f'Santu Pietru.





Paving in various alleys amongst which alleys in Trux Street, Bishop Molina Street and St Peter Street.





# TISBIEH TAL-LOKALITÀ



Il-Kunsill hadem fuq it-tisbieh tal-lokalità f'diversi postijiet. Fost il-progetti imwettqa insibu belveder fi Triq il-Madonna tal-Virtù u tisbieh fil-wied hdejn ic-cimiterju.



The Council worked on the embellishment of the locality: projects consisted of a new belveder at Virtù Street and embellishment works near the cemetry.




# EDUKAZZJONI, ZAGHZAGH U S

Il-Kunsill kien sensittiv ghall-bzonnijiet tal-facilità ewlenija edukattiva gewwa l-lokalità, l-iskola primarja. Il-Kunsill ghen fit-titjib ta' dan is-servizz billi:-

- Permezz ta' ghajnuna mill-Kunsill Lokali u sponsor mill-HSBC ipprovda taghmir modern ghall-edukazzjoni tat-tfal li jikkonsisti f'*software*, *touch screen monitor* u *interactive white board*;
- Ghamel ghotja ta' flus lill-iskola primarja f'Jum il-Premjazzjoni;
- Organizza ta' kull sena l-attività *Clean up the World* bis-sehem tat-tfal tal-iskola;
- Organizza diversi korsijiet ghat-tfal fis-sajf fosthom kors tat-tisjir u korsijiet ohra f'diversi snajja bhal pittura.





# J SPORTS







Il-Kunsill kien impenjat ukoll li jorganizza korsijiet ta' tahrig ghaz-zaghzagh u l-adulti fosthom fl-uzu tal-kompjuter u l-internet, taghlim tal-lingwa Maltija ghall-barranin, kors dwar il-presepju, u korsijiet f'diversi snajja fosthom pittura, mosaic, fuhhar, ecc. Il-Kunsill joffri servizz ta' internet b'xejn fil-librerija tal-lokalità u hinijiet estizi fil-ftuh tal-librerija lokali. Minn zmien ghal zmien il-Kunsill jixtri kotba godda ghal-librerija.

Il-Kunsill jemmen fl-isports u investa fit-titjib tal-facilitajiet sportivi fil-lokalità bl-introduzzjoni ta' mini pitch tat-turf gewwa l-grawnd tal-iskola primarja.

Il-Kunsill kien sensittiv ukoll minn oqsma kurrenti u ha hsieb jinforma lir-residenti fuq materji kurrenti. Fost l-ohrajn kien zamm laqgha dwar l-Ewro fiz-zmien tal-bidla tal-munita.

# EDUCATION, YOUTHS & SPORTS

The Local Council supported the Gharb Primary School & with the help of HSBC it provided special software for children with learning difficulties and an interactive white board to enhance and facilitate the learning process. A donation was given to the school on the occasion of prize day and a clean up the world event was held yearly with the participation of school children. Various educational courses were held for the whole community.







The Council offered free internet service at the library and extended library opening hours. The Council invested to upgrade existing sports facilities and introduced a new synthetic turf mini pitch at Gharb Primary School Ground.

The Council assisted residents in current situations and organized an information meeting about the Euro upon the change of the currency.

# SAHHA, FAMILJA U ANZJANI

- Ta' kull sena il-Kunsill ha hsieb joffri s-servizz tal-oghti tal-labra tal-influwenza gewwa l-lokalita' lil persuni li jikkwalifikaw.
- Organizza laqgha ta' taghrif dwar il-kura tas-sider kif ukoll nieda inizjattiva li tippromwovi l-ezami tas-sider (Mammogram).
- Bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Sahha organizza laqgha ta' taghrif dwar is-Sigurta' fl-ikel.
- Organizza kors dwar ikel ghal sahha ahjar u x'wiehed ghandu jaghmel biex jikkontrolla il-piz zejjed.
- Organizza hargiet socjo-kulturali ghall-anzjani kemm gewwa Ghawdex kif ukoll gewwa Malta.
- Baqa jhallas is-shubija fic-centru ta' matul il-Jum ghall-anzjani biex l-anzjani kollha ikunu jistghu jattendu dan ic-centru kull nhar ta' Tnejn.







## HEALTH, FAMILY AND ELDERLY

The Council offered the administration of flu vaccines to entitled persons on a yearly basis. It organized an information meeting regarding breast care and incentived its residents to do the mammogram test. Other health related initiatives consisted of a talk regarding food security and course about food for a healthy lifestyle. The Council organized various outings for the elderly both in Gozo and in Malta. It maintained its membership at the day centre at Ghajnsielem to enable all elderly residents to attend the centre every Monday.

# ARTI, KULTURA U ATTIVITAJIET




- F'Gunju 2007 saret attività fl-okkazjoni tal-40 anniversarju mill-mewt ta' Frenc ta' l-Gharb.
- Tnieda Seher il-Punent, Festival ta' Arti, Kultura, Muzika u Patrimonju ghall-ewwel darba fl-2007 biex izomm hajjin il-kultura u t-tradizzjonijiet tal-Gharb u jippromovihom fost il-Maltin u l-barranin. Il-Festival kien success u ttella mill-gdid f'Marzu 2008 u Marzu 2009.
- Giet organizzata attività tal-Karnival kull sena li tinkludi zfin minn diversi kumpaniji, kompetizzjonijiet kif ukoll sfilata bil-karrijiet u mistiedna specjali.

- Gie organizzat Jum l-Gharb fid-29 ta' Awissu ta' kull sena, fejn fl-2009 rajna wkoll l-introduzzjoni ta' premju gdid 'Premju Qlub Generuzi' biex jirrikonoxxi hidma ta' persuni mill-lokalita' li huma attivi fil-volontarjat lokali.
- L'Infiorata f'jum il-festa li baqghet issir ta' kull sena u saret parti mill-kalendarju kulturali tal-Gzira Ghawdxija.
- Attivitajiet tal-Milied ghat-tfal zghazagh u anzjani, kuncert tal-Milied bis-sehem tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni, kif ukoll tizjin tal-pjazza u triq il-Knisja ghal dan iz-zmien ta' festi. Kompetizzjonijiet tal-Milied.







- Attivitajiet socjali ghat-tfal fosthom fl-Ghid, fil-Halloween u fil-Milied.

**DIVERSI KUNCERTI IMTELLA FIL-KNISJA PARROKKJALI FOSTHOM:**

- F'April 2008 kuncert mill-Angelic Flutes bhala parti mill-Festival Gaulitana imtella mill-kor Gaulitanos.
- F'Ottubru 2008 Kuncert mill-Willington School Boys Choir b'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Monument Papa Gwanni Pawlu II.
- F'April 2009 kuncert mill-Animae Gospil Choir ghal darba ohra bhala parti mill-Festival Gaulitana.
- B'kollaborazzjoni mal-iskola tal-arti f'Ghajnsielem ghalliema tal-bizzilla mill-Italja taw taghlim lir-residenti tal-Gharb dwar il-bizzilla.
- F'Awissu 2008 ghen fl-organizzazzjoni ta' Wine Festival gewwa l-villagg tas-Snajja ta' Dbiegi.
- Inzamm haj il-gemellagg ma Gerano b'diversi skambji, fosthom studenti tal-iskejjel sekondarji u anke fuq l-aspett religjuz fejn il-kwadru mirakoluz tal-Madonna del Cuore inhareg ghall-ewwel darba mir-rahal ta' Gerano u ingab l-Gharb fl-okkazjoni ta' Seher il-Punent 2007.



# ARTS, CULTURAL & SOCIAL EVENTS



The Council was very active in this sector and amongst the major activities the Council introduced Seher il-Punent festival of arts, crafts, history and music in March 2007. Being the first event of this type to be held in Gozo and a success Seher il-Punent was repeated in 2008 & 2009. Other annual events included Carnival, the Infiorata, Gharb Day & Christmas activities. The Council hosted various concerts such as Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni Christmas Concerts, Angelic Flutes, Willington School Boys Choir (UK) & Animae Gospil Choir. Through town twinning projects Gharb residents had the opportunity to visit and learn about the cultures of other European cities amongst which Gerano, Castrolibero, Comunità Collinare Colli Tortonesi and Quadrelle. Gharb also hosted students and delegations from Gerano and Castrolibero.



# ZJARAT MINN PERSUNI DISTINTI

F'Awissu 2007 zjara mill-Ambaxxatur Franciz ghal Malta l-E. T. Jean Marc Rives fejn thawwlu sigar fi Triq l-Gharb u giet inawgurata wirja ta' arti mill-artist Franciz residenti l-Gharb, Raphael Labro.
F'Novembru 2007 il-President ta' Malta l-E.T. Dr Edward Fenech Adami zar l-Gharb u pprezenta labra tad-deheb bl-arma tal-Kunsill lill-membri tal-Kunsill, ex Sindki u Kunsilliera u Segretarju Ezekuttiv.





## VISITS BY DISTINCT PERSONALITIES

August 07 - visit by the French Ambassador H.E. Jean Marc Rives. On this occasion trees were planted at Gharb Road and an art exhibition by French artist and Gharb resident Raphael Labro was inaugurated.
November 07 – visit by President of Malta H.E. Dr Edward Fenech Adami.





# FTEHIM TA' KOPERAZZJONI

Gie iffirmat ftehim ta' koperazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari ghan-negozji zghar u s-self employed ghall-promozzjoni favur l-Artigjanat fil-Villagg ta' Dbiegi. L-oggettivi tal-ftehim kienu li:

- Jippromwovi l-artigjanat u l-villagg ta' Dbiegi fl-Gharb
- Jippromwovi l-villagg bhala destinazzjoni turistika.
- Tinghata ghajnuna lill-assocjazzjoni tas-sidien tan-negozji fil-villagg.
- Jinghata marketing opportun lill-villagg.
- Tinghata opportunita' lis-sidien jesebixxu il-prodott taghhom barra minn Malta.

Il-Kunsill ghamel ukoll ftehim ta' koperazzjoni ma diversi lokalitajiet ewropej partikolarment il-lokalitajiet ta' Castrolibero, Comunita' Collinare Colli Tortonesi, u Quadrelle fl-Italja fejn residenti kellhom l-opportunita' izuru dawn il-lokalitajiet u jitghallmu dwar il-kultura u t-tradizzjonijiet taghhom kif ukoll inghatat l-opportunita' lil artigjana Ghawdxin biex jesebixxu l-prodotti taghhom barra minn xtutna.







## CO-OPERATION AGREEMENTS

The Council signed an agreement with Parliamentary Secretary for small businesses and the self employed having as main objectives the promotion and marketing of ta' Dbiegi Crafts Village as a tourist destination whilst giving the opportunity to the craftsmen to exhibit their products in foreign countries.

The Council signed also various co-operation agreements with foreign localities through which Gharb residents had the opportunity to visit and learn about the cultures of these localities while Gozitan craftsmen had the opportunity to exhibit their works abroad.



# PROGETTI EU

Il-Kunsill ha sehem bhala partner fil-progett ewropew Equalabel, biex jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-servizzi lokali pubblici, b'finanzjament ta' €39522. Saru diversi laqghat fosthom ghall-ghalliema tal-iskola primarja, gew involuti l-istudenti permezz ta' kompetizzjoni ta' kitba u pittura, laqghat ghall-kunsillieri u segretarji ezekuttiv kif ukoll ghall-ghaqdiet lokali. Ittella programm apposta Ghawdex Illum li kien iddedikat ghal dan il-progett kif ukoll sar CD minn kompozituri u awturi Ghawdxin b'temi favur l-ugwaljanza. Il-grupp Mistaken Identity kellhom l-opportunità jaghtu kuncert gewwa Segovia fi Spanja bhala parti minn dan il-progett.







The Council participated in Equalabel EU project as a partner to various European countries with a budget of €39522. The project dealt with promotion of gender equality through local public services. A promotional and educational campaign was carried out consisting of lectures for various stakeholders, tv programme, participation of a Gozitan band in overseas meetings and informal educational events and the creation of the Equalabel CD with music and poems with the theme gender equality. School children were involved through drawing and essay writing initiatives.

# PROGETTI



Il-Kunsill applika taht skema gdida imnedija mis-Segretarjat Parlamentari ghal Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, skema immirata biex jittiehdu inizzjattivi ta' energy saving fil-lokalitajiet. Il-Kunsill ser jinghata is-somma ta' €2900 li permezz taghha ser ikun qed iwettaq parti mill-progett Energy for the Council, Education for the Children fejn ser jitwahhlu pannelli fotovoltaici fuq il-bejt tal-Kunsill li permezz taghhom l-iskola u l-Kunsill ser ikunu qed joperaw b'inqas energija. Il-progett huwa wkoll wiehed edukattiv bil-partecipazzjoni tat-tfal tal-iskola.

The Council was very recently granted €2900 under a new scheme issued by Parliamentary Secretariat for Public Dialogue and Information whereby the Council will be using these funds to do part of the project consisting of the installation of a 1.26kWp photovoltaic system, on the roof top of Gharb Local Council. Both Gharb Primary School and the Local Council Office will benefit from energy saving. The project will also include comunication equipment that will be networked throughout the class rooms in order to educate students on the subject.



# PROGRAMM TA'
# ĦIDMA
# GHAL-ERBA' SNIN LI GEJJIN

# *WORK PLAN*
## *FOR THE COMING FOUR YEARS*



**Toroq u Infrastruttura** – It-toroq jibqghu fuq quddiem nett tal-Agenda tal-Kunsill. Jitkompla il-programm tat-titjib tat-toroq u sqaqien skond il-prijorità u l-fondi disponibbli.

**Road and infrastructure** – *Roads remain on the forefront of the Council's agenda. The road upgrading programme will continue according to priority and available funds.*



## Patrimonju kulturali u wirt storiku

Il-Kunsill ser ikun impenjat li jkompli jippromwovi u jzomm hajja it-tradizzjonijiet artistici u l-kultura tal-lokalità u jkabbar il-kalendarju kulturali tal-lokalità. Il-Kunsill ghandu wkoll ghal qalbu il-wirt storiku tal-lokalità u qed jahdem favur ir-restawr ta' uhud minn dan il-wirt fosthom is-salib tal-pjazza, l-arkata fi Triq Sdieri, il-faccata tal-Knisja Parrokjali, il-knisja taz-Zejt u il-kappella ta' San Dimitri. Il-Kunsill diga' issottometta l-applikazzjonijiet lill-MEPA u qed jahdem biex jikseb finanzjament EU ghal dan ix-xoghol ta' restawr.

*The Council will be committed to continue promoting and keeping alive the locality's traditions and cultures and expanding its cultural calendar. The Council having at heart the cultural heritage of the locality is working to restore some of these monuments such as the village cross, the bridge at Sdieri Street, the Parish Church façade, taz-Zejt and San Dimitri chapels. MEPA applications have already been submitted and the Council is trying to acquire EU funding.*





## Familja / *Family*

- Wahda mill-mizuri favur il-familja li hija fuq quddiem nett tal-Agenda tal-Kunsill hija t-twaqqif ta' centru ta' matul il-jum ghat-tfal / *The most important family measure will be the setting up of a child day care centre*
- Tahrig ghall-familja dwar it-trobbija tal-ulied ecc / *The Council in collaboration with the church will organize courses about family topics such as the children.*

# PROGETTI EU

Il-Kunsill ghandu sensiela ta' progetti ambizzjuzi ghal-lokalità li jirrigwardaw l-energija alternattiva, il-qasam tat-turizmu sportiv, wirt storiku u restawr u kultura fost l-ohrajn. Ghalhekk il-Kunsill fl-ahhar snin kien impenjat li minn zmien ghal zmien jiehu l-opportunitajiet li jkun hemm miftuha u japplika ghal fondi ewropej ghall-progetti hawn fuq imsemmija. Kien b'din il-prioritá f'mohhu li l-Kunsill issieheb mal-MEUSAC l-agenzija mwaqqfa mill-gvern centrali biex tghinu fis-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet ghall-fondi ewropej. Fil-prezent il-Kunsill qed jahdem fuq it-tieni fazi tal-progett ta' Wied il-Mielah. It-tieni progett li l-Kunsill irnexxielu jikseb mill-fondi strutturali. Dan il-progett taht it-titlu Wied il-Mielah – lejn turizmu sostenibbli li jirrispetta l-ekologija u l-ambjent ghandu valur ta' €569715 li minnhom fondi EU 85% u ko-finanzjament mill-Kunsill Lokali 15%.

***EU PROJECTS*** *– The Council has a number of ambitious projects for the locality that vary from alternative energy, sports tourism, cultural heritage, restoration and culture amongst others. During the last years the Council has been dynamically participating in EU funding opportunities since only through this funding the above projects could become reality. It was with this priority in mind that the Council entered into agreement with MEUSAC to acquire assistance in applying for these funds. At the moment the Council is working on the second phase of Wied il-Mielah Project. For this project entitled Wied il-Mielah – towards an ecologically and culturally sensitive sustainable tourism the Council has been granted €569715 out of which EU funds 85% and 15% co-financing by the Local Council.*

Fl-ewwel progett li twettaq permezz tal-fondi strutturali 2004-2006 u li kellu valur ta' €199,760 b'73% fondi ewropej u 23% ko-finanzjament mill-Kunsill il-fondi intefqu kif gej / *During the first phase of Wied il-Mielah project (€199,760), funds were spent as follows:*

| | |
|---|---|
| Immanigjar tal-Progett / *Project Management* | 16771 |
| Konsulenza Teknika / *Technical Consultancy* | 9897 |
| Skavar u tindif / *Excavation & cleaning* | 20546 |
| Hitan tas-sejjieh / *Rubble walls* | 144410 |
| Tabelli / *Signs* | 1865 |
| Sit elettroniku / *Website* | 927 |
| Permessi tal-Mepa / *Mepa fees* | 4589 |
| Billboard | 283 |
| Plakka kommemorattiva / *Commemorative plaque* | 408 |

Fit-tieni fazi il-fondi ser jintefqu kif gej / *During the second phase funds will be spent as follows:*

| | |
|---|---|
| Bini ta' hitan tas-sejjieh / *Rebuilding of derelict rubble walls* | 56310.00 |
| Rikostruzzjoni u wicc gdid lit-triq u rikostruzzjoni tat-tarag li jwassal sal-bahar / *Reconstrucion and resurfacing of valley road & reconstruction of the stairs leading to the sea* | 176417.00 |
| Tindif tal-Wied / *Clearing of Debris from valley basin and surrounding area* | 115444.00 |
| Bini ta' bridges / *Building of Bridges where the road intersects the rainwater course* | 87957.00 |
| Bini ta' lqugh ghall-ilma / *Building of 6 new dams along the valley* | 19788.00 |
| Landscaping, tahwil ta' sigar u installazzjoni ta' ghamara rustika u safety railing / *Landscaping the area, including planting of trees, installation of rustic furniture and safety railing* | 8260.00 |
| Installazzjoni ta' cameras tas-sigurta' li jahdmu bl-energija / *Solar energy powered security cameras* | 5310.00 |

| | |
|---|---|
| Tabelli ta’ direzzjoni / *Directional signs* | 2750.00 |
| Materjal promozzjonali f’forma ta’ ktejjeb u fuljetti / *Publication of promotional material about Wied il-Mielah in the form of brochures and booklets* | 10010.00 |
| Installazzjoni ta’ billboard waqt ix-xoghol / *Installation of a billboard during the works in progress* | 500.00 |
| Plakka kommemorattiva / *Installation of a commemorative plaque once project is concluded* | 500.00 |
| Taghmir awdjo-vizwali ghall-vizitaturi u trombi / *Installation of visitors’ audio-visual equipment and big observation binoculars* | 8260.00 |
| Titjib tal-sit elettroniku / *Upgrading the Wied il-Mielah web-site* | 1923.00 |
| Immanigjar tal-Progett / Project Management | 26266 |
| Supervizjoni u konsultenza teknika / *Supervision & technical engineering* | 32910 |
| Kontingenza / *Contingency* | 17110.00 |




## Informazzjoni / *Information*

- Jigi ppublikat il-ktieb ta’ Dun Salv Camilleri / *A book about Gharb will be published with the information collected by the late Dun Salv Camilleri.*
- Ir-residenti jibqghu jinzammu infurmati dwar l-andament, servizzi u inizjattivi tal-Kunsill permezz tal-publikazzjonijiet Informazzjoni Kunsill Lokali Gharb u Lehen il-Punent kif ukoll permezz tas-sit elettroniku www.gharbnet.com. Jigu studjat mezz kif dawn il-mezzi ta’ informazzjoni jissahhu biex iwasslu il-messagg tal-Kunsill dirett fid-djar tar-residenti. / *Council will maintain and enhance the existing means of information to the residents and namely the door to door notices, the Lehen il-Punent annual magazine and the website.*



## Edukazzjoni/ *Education*

- Jghin fit-titjib u refurbishment tal-iskola/ *The Council will help in the ugrading and refurbishment of the school*
- Librerija lokali kompjuterizzata/ *Local library will be computerized*
- Joffri korsijiet akkademici u innovattivi fil-lokalità u jizgura li dawn ikunu miftuha ghal kulhadd / *Innovative training courses will be offered in the locality*



## Sport u postijiet ta' rikreazzjoni ghall-familja kollha / *Sports and recreational area for the whole family*




Il-Kunsill flimkien mal-ghaqdiet sportivi ser ikun impenjat li jorganizza attivitajiet sportivi u jinkoraggixxi aktar partecipazzjoni tat-tfal u zaghzagh tal-lokalità f'attività fizika. Wara li sar r-refurbishment tal-ground tal-futbol il-Kunsill ser jahseb biex ikompli jtejjeb din il-facilità billi jaghmel t-turf u jinbnew stands ghat-telespettaturi. Isir il-playing field fl-area ta' ma genb ic-changing rooms.

*The Council in collaboration with local sports organizations will be organizing sports events and promoting increased participation of children and youths in physical activity. Following the refurbishment of the football ground the Council is planning to do the turf and erect seating for spectators. The Council is planning also to construct a playing field next to the changing rooms.*

# PROGETT CENTRU CIVIKU

**Progett Centru Civiku li ser ikun jinkorpora gewwa fih:**
***The Civic Centre project at Visitation street will include:***

- Ufficcju Amministrattiv Kunsill Lokali / *Local Council Administrative Offices*
- Ufficju Postali / *Post Office*
- Servizz Finanzjarju / *Financial Services*
- Centru ta' Matul il-Jum ghat-tfal / *Child Day Care Centre*
- Klinika b'hinijiet estizi / *Clinic offering extended opening hours*
- Spizerija / *Pharmacy*
- Hostel / centru ta' matul il-jum ghall-anzjani / *Night shelter*
- Librerija komunali kompjuterizzata / *Computerized Community Library*



## X’wettaq il-Kunsill sa issa fuq dan il-progett:
## *What has the Council done so far:*

- Kiseb il-permessi mehtiega tal-MEPA / *Acquired MEPA permits*
- Ha l-propjeta’ b’devoluzzjoni f’Jannar 2009 / *obtained devolution of the premises*
- Qed jahdem biex ic-centru jkun accessibbli ghal kulhadd – saret applikazzjoni ghal €18,644 biex isir lift / *applied for €18,644 for a lift so that the centre is accessible to all*
- Qed jahdem biex jinkisbu fondi EU biex ic-centru ta’ matul il-jum ghat-tfal ikun jista’ jigi atrezzat u jibda jiffunzjona / *working to obtain EU funds for the setting up of the child day care centre*
- Hidma biex jingab servizz bankarju u biex jitjieb is-servizz tas-sahha mill-klinika kemm fis-servizzi offruti kif ukoll fil-hinijiet tal-ftuh / *working to bring financial services at the centre and upgrade health services both as regards services offered and also opening hours*
- Inhargu l-offerti tax-xogholijiet / *tenders were issued*
- Il-Kunsill ikkonkluda negozjati mal-banek biex ikun jista’ jiehu self ghal dan il-progett / *the Council concluded negotiations with commercial banks regarding a loan for the project*

### X’imiss li jsir biex dan il-progett isir realtà:
### What needs to be done to make the project a reality:

Jigi mfassal pjan strategiku biex ikun jista’ jitwettaq dan il-progett b’self fuq bazi long term biex il-Kunsill jibqa ghaddej bil-hidma normali tieghu.

The Council has to set up a strategic plan to conduct the project through a long term loan so that the Council’s operations are not obstructed.

## Zaghzagh / *Youths*

Il-Kunsill ser jahdem qrib iz-zaghzagh u jwaqqaf Kunsill ta' l-istudenti biex ihossuhom parti mit-tmexxija tal-lokalità u jara l-bzonijiet taghhom.

*The Council will work closely with youths and will set up a students council so that they feel part of the locality's administration.*





## Anzjani u persuni b'dizabilità / *Elderly & persons with disability*

Titkompla is-shubija fid-day centre ta' Ghajnsielem u attivitajiet ghall-anzjani.
Titjib ta' accessibilità f'postijiet pubblici.

*The Council will maintain its membership at the Day Centre in Ghajnsielem and continue organizing social outings. Improve accessibility in public buildings/spaces*



## L-ambjent u l-indafa
## / *Cleanliness and the environment*



Zewg oqsma importanti ghaliex jaffetwaw direttament il-hajja ta' kull resident. Il-Kunsill ser ikun impenjat b'kampanja edukattiva u li tippromwovi il-koperazzjoni tar-residenti kollha biex isir l-ahjar uzu mis-servizzi li joffri il-Kunsill filwaqt li jahdem biex itejjeb is-servizz ezistenti.

*The Council will work on an educational campaign on the best use of cleaning services available and to promote the cooperation of the residents in favour of a cleaner locality. As regards the environment the Council was the only Council to acquire €800,000 for the environment and will continue working in this regard.*

## Skema ta' immanigjar tat-traffiku / *Traffic Management Scheme*




Il-Kunsill ser ikun qed jikkummissjona studju professjonali li jirrifletti il-bzonnijiet tal-lokalità u li jwassal ghal rakkomandazzjonijiet ta' x'ghandu jsir biex is-sitwazzjoni tigi mtejjba minn kif inhi fil-prezent. Il-hsieb huwa li tinholoq skema ta' parkegg residenzjali biex ir-residenti ikollhom inqas problemi f'dan ir-rigward.

*The Council will commission a professional study that reflects the needs of the locality and which leads to recommendations to improve the current situation. A residential parking shceme will be introduced.*

## Il-Kunsill Lokali Gharb 2006 - 09

| | |
|---|---|
| Sindku: | David Apap |
| Vici Sindku: | Raymond Cassar |
| Kunsilliera: | Dimitri Agius |
| | Carmen Vella |
| | Sunta Camilleri |

Kunsill Lokali - **GHARB** - Local Council
Triq il-Vizitazzjoni, Gharb
Tel: 2156 0556 - Fax: 2156 2727 - gharb.lc@gov.mt
www.gharbnet.com